IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2020
COM(2020) 811 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

f'konformità mal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE

1. SFOND

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] (id-Direttiva tal-VAT), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru jdaħħal miżuri speċjali ta' deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għas-simplifikazzjoni tal-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew għall-prevenzjoni ta' ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. Peress li din il-proċedura tipprevedi deroga mill-prinċipji ġenerali tal-VAT, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), il-miżuri nazzjonali ta' deroga msemmija fl-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT li huma permessi "sabiex jissimplifika[w] [i]l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjen[u] ċertu tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa", iridu jiġu interpretati b'mod strett u dawk il-miżuri jridu jkunu wkoll meħtieġa u xierqa biex jintlaħaq l-objettiv speċifiku li jridu jiksbu, filwaqt li jkollhom l-inqas effett possibbli fuq l-objettivi u l-prinċipji tad-Direttiva tal-VAT[2].

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2020, l-Ungerija talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT. F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra dwar it-talba tal-Ungerija permezz ta' ittra tas-16 ta' Settembru 2020. Permezz ta' ittra tas-17 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ungerija li kellha l-informazzjoni kollha li kienet tqis li teħtieġ biex tivvaluta t-talba.

Bħala regola ġenerali, il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li twettaq il-forniment tal-merkanzija jew tas-servizzi. L-għan tad-deroga li l-Ungerija qed titlob l-estensjoni tagħha huwa li tpoġġi dik ir-responsabbiltà fuq il-persuna taxxabbli li lilha jsiru l-provvisti (l-hekk imsejjaħ mekkaniżmu tar-reverse charge), fil-każ ta' provvisti ta' persunal involut f'attivitajiet minbarra dawk koperti mill-punt (a) tal-Artikolu 199(1) tad-Direttiva tal-VAT. L-Artikolu 199(1)(b) tad-Direttiva tal-VAT jippermetti lill-Istati Membri japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvista ta' persunal involut f'xogħol ta' kostruzzjoni, inklużi servizzi ta' tiswija, tindif, manutenzjoni, alterazzjoni u twaqqigħ fir-rigward tal-proprjetà immobbli. Għalhekk, il-miżura ta' deroga tippermetti lill-Ungerija tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvista ta' persunal fis-setturi kollha tal-attività ekonomika. L-għan tad-deroga mitluba huwa l-ġlieda kontra l-frodi.

2. IR-REVERSE CHARGE

Il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li tipprovdi l-merkanzija jew is-servizzi. Il-fini tal-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa li dik ir-responsabbiltà tiġi trasferita lill-persuna taxxabbli li lilha jsiru l-fornimenti. Ir-reverse charge spiss jintuża sabiex tiġi indirizzata l-frodi tal-VAT li

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1

[2] Ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2011 fil-kawża *Vandoorne* C-489/09, EU:C:2011:33, il-paragrafu 27.

sseħħ f'setturi speċifiċi tal-ekonomija, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' strutturi ta' "negozjant nieqes".

Il-frodi b'negozjant nieqes isseħħ meta n-negozjanti jbigħu merkanzija jew ifornu servizzi, jiġbru l-VAT mingħand il-konsumaturi tagħhom u wara jisparixxu bla ma jħallsu l-VAT miġbura mingħand il-konsumaturi tagħhom lill-awtoritajiet tat-taxxa. Intwera li, f'dawn il-każijiet, meta l-persuna li lilha jiġu fornuti l-merkanzija jew is-servizzi tiġi nominata bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT, il-mekkaniżmu tar-reverse charge domestiku jelimina l-opportunità li persuna twettaq dik il-forma ta' evażjoni tat-taxxa.

Fl-informazzjoni addizzjonali li ppreżentat biex tissostanzja t-talba tagħha, l-Ungerija ddikjarat li l-frodi mwettqa fis-settur tal-provvista tal-persunal kellha similaritajiet mal-istrutturi b'negozjant nieqes, peress li dawn is-servizzi huma faċli biex jiġu pprovduti u l-kost ewlieni għall-forniturи tas-servizzi huwa l-kost tal-impjegati, li ma jinvolvi l-ebda VAT li trid titħallas. Għalhekk, il-qligħ għall-frodaturi huwa, fil-prattika, l-ammont kollu tal-VAT imposta fuq il-klijent.

3. IT-TALBA

Sabiex tiġġieled il-frodi tal-VAT fis-settur tal-aġenziji tal-impjiegi temporanji, fl-2014 l-Ungerija talbet l-awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva biex tipprevedi li, għall-forniment ta' persunal involut f'attivitajiet għajr dawk koperti mill-punt (a) tal-Artikolu 199(1) ta' dik id-Direttiva, il-persuna responsabbli mill-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabbli li lilha jsir il-forniment. L-awtorizzazzjoni ngħatat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2349[3] u skadiet fil-31 ta' Diċembru 2017.

Fl-2017, l-Ungerija ppreżentat talba oħra sabiex tagħmel, għall-istess servizzi li jinvolvu l-forniment ta' persunal, id-destinatarju responsabbli għall-ħlas tal-VAT. B'riżultat ta' dan, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/486[4] tat dik l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2020.

Issa, skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, l-Ungerija qed titlob li l-Kunsill, huwa u jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jawtorizzaha biex tkompli tapplika din il-miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għal provvisti domestiċi ta' servizzi li jinvolvu l-fornimentta' persunal involut f'attivitajiet għajr dawk koperti bil-punt (a) tal-Artikolu 199(1) ta' din id-Direttiva.

---

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2349 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 16.12.2015, p. 53).

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/486 tad-19 ta' Marzu 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 81, 23.3.2018, p. 15).

It-talba tkopri l-forniment ta' persunal ipprovdut permezz ta' aġenziji tal-impjiegi temporanji, is-sekondar ta' persunal, il-kooperattivi tal-iskejjel, il-kooperattivi tal-pensjonanti u l-provvisti kollha ta' servizzi li mhumiex ipprovduti taħt dawn il-forom legali, iżda f'termini tal-kontenut tagħhom fil-fatt jinvolvu l-forniment ta' persunal. Għalhekk, l-awtorizzazzjoni li qed tintalab l-estensjoni tagħha tippermetti lill-Ungerija, fil-prattika, tapplika r-reverse charge għas-servizzi kollha li jikkonsistu fil-provvista ta' persunal.

Skont it-talba Ungeriża, is-settur tal-forniment tal-persunal hija estremament vulnerabbli għall-frodi tat-taxxa. L-ispejjeż ewlenin għall-aġenziji tal-impjiegi temporanji huma s-salarji u t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet relatati, li ma jinvolvu l-ebda VAT tal-input, filwaqt li x-xiri tagħhom huwa insinifikanti meta mqabblin. Konsegwentement, jekk ir-reverse charge ma tiġix applikata, l-ammont tal-VAT miżmum mill-operaturi fis-settur lill-klijenti tagħhom, jiġifieri l-VAT tal-output, huwa ferm ogħla mill-ammont tal-VAT li tista' titnaqqas, il-VAT tal-input. Normalment dan għandu jwassal għal pożizzjoni ta' dejn fil-konfront tat-Teżor rigward il-VAT. Barra minn hekk, huwa sempliċi ħafna li jiġu pprovduti s-servizzi tal-persunal, peress li la huwa meħtieġ għarfien speċjali u lanqas tagħmir speċjali biex tinbeda l-attività ekonomika, li jagħmilha faċli ħafna biex wieħed jidħol fis-suq tal-provvista tal-persunal.

Impriżi frawdolenti li jipprovdu servizzi ta' aġenzija ta' impjieg temporanju tipikament jibnu katina, u l-impriża fi tmiem il-katina li fil-fatt tipprovdi l-provvista ta' servizz tal-persunal ma tħallasx il-VAT applikabbli għas-servizz. Din il-prattika tfixkel il-kompetizzjoni u b'hekk tipperikola l-operat ta' impriżi li josservaw il-liġi. Barra minn hekk, l-evażjoni tat-taxxa fis-settur tinvolvi mhux biss il-VAT, iżda wkoll taxxi u kontribuzzjonijiet fuq l-impjiegi, li huma madwar 40 fil-mija tal-ispiża totali tal-impjiegi.

Skont l-informazzjoni ppreżentata mill-Ungerija, l-introduzzjoni tar-reverse charge fis-settur tal-provvista tal-persunal wasslet għal tnaqqis fl-għadd ta' fornituri li joperaw fis-settur, minkejja żieda fl-ammont taxxabbli tal-provvisti pprovduti. Din it-tendenza, fl-opinjoni tagħhom, tindika effett ta' "tindif" tas-suq.

Fit-talba tagħha, l-Ungerija qed tiddikjara li l-miżura wriet li hija strument xieraq u effettiv fil-ġlieda kontra l-abbuż u għenet biex titnaqqas il-frodi tal-VAT fis-settur. Meta titqies in-natura speċifika tas-settur tal-aġenziji tal-impjiegi temporanji, li ma jeħtieġ l-ebda għarfien espert partikolari biex topera fih u fejn l-ammonti tal-VAT li għandhom jitħallsu huma ħafna ogħla mill-ammont ta' VAT deduċibbli, jekk il-mekkaniżmu tar-reverse charge ma jkunx jista' jiġi applikat aktar, skont l-Ungerija l-kundizzjonijiet oriġinali dalwaqt ikunu jistgħu jiġu restawrati u l-ktajjen frawdolenti jerġgħu jitfaċċaw fi żmien qasir.

Barra minn hekk, l-Ungerija qed tisħaq li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku dinji kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 affettwa serjament l-impjiegi u, b'mod partikolari, is-settur tal-provvista tal-persunal. Il-flessibbiltà fir-rigward tal-użu tal-forza tax-xogħol

tgħin lin-negozji jirkupraw minn din is-sitwazzjoni. Għalhekk, huwa mistenni li r-rata ta' forzi tax-xogħol mikrija permezz tas-servizzi temporanji tal-aġenziji se taqbeż ir-rata ta' qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19. Dan jista' jkun inċentiv għall-frodaturi biex jippruvaw jidħlu f'dan is-settur. Għaldaqstant, l-estensjoni tal-miżura ta' deroga tgħin biex jiġi evitat li jitfaċċaw frodaturi fis-settur.

4. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

Meta l-Kummissjoni tirċievi talbiet skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, dawn jiġu eżaminati bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet bażiċi biex din id-deroga tintlaqa' jkunu ssodisfati, jiġifieri, jekk il-miżura speċifika proposta tissimplifikax il-proċeduri għall-persuni taxxabbli u/jew għall-amministrazzjoni tat-taxxa jew jekk il-proposta tipprevjenix ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni dejjem adottat approċċ restrittiv u kawt biex tiżgura li d-derogi ma jdgħajfux it-tħaddim tas-sistema ġenerali tal-VAT, li jkollhom kamp ta' applikazzjoni limitat u li jkunu meħtieġa u proporzjonati.

Għalhekk, kwalunkwe deroga mis-sistema ta' ħlas frazzjonat tista' tkun biss l-aħħar għażla u miżura ta' emerġenza, u trid toffri garanziji dwar il-ħtieġa u n-natura eċċezzjonali tad-deroga mogħtija.

Dawn il-kundizzjonijiet ġew issodisfati meta ngħatat id-deroga inizjali bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2349. Ir-rapport tal-2015 dwar l-istudju biex tiġi kkwantifikata u analizzata d-diskrepanza tal-VAT fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[5], ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea, wera li d-diskrepanza tal-VAT fl-Ungerija, għas-sena 2013, laħqet 24,4 %, ferm ogħla mill-medjana tal-UE ta' 13,9 %. Għalhekk, kienu meħtieġa miżuri eċċezzjonali sabiex tiġi indirizzata l-frodi tal-VAT.

Meta fl-2017 l-Ungerija talbet biex tkompli tapplika r-reverse charge għas-settur tal-provvista tal-persunal, ġie ddikjarat li ġie introdott għadd sinifikanti ta' miżuri biex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT. Barra minn hekk, l-Ungerija ppjanat miżuri oħra kontra l-frodi b'enfasi partikolari fuq l-aġenziji tal-impjiegi temporanji. Minkejja dawk il-miżuri, l-Ungerija qieset li l-mekkaniżmu protettiv tar-reverse charge għandu jkompli japplika biex ikompli jnaqqas il-ħsara li ssir lis-settur. Madankollu, fil-premessa 11 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/486 ġie enfasizzat li l-miżuri li kellhom jittieħdu mill-Ungerija kellhom jeliminaw il-frodi fis-settur ikkonċernat u, għalhekk, ma kienet meħtieġa l-ebda deroga oħra mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT fil-futur fir-rigward tal-provvista tal-persunal.

Il-miżuri implimentati mill-Ungerija biex tnaqqas il-frodi tal-VAT, mhux biss fil-provvista tas-settur tal-persunal iżda fis-setturi kollha tal-ekonomija, jinkludu dawn li ġejjin:

[5] https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/docs/body/vat_gap2013.pdf

-Fl-1 ta' Jannar 2012 ġiet introdotta proċedura ta' reġistrazzjoni tat-taxxa u superviżjoni msaħħa tal-awtorità tat-taxxa biex titrażżan il-formazzjoni ta' kumpaniji fittizji u trasferimenti ta' kumpaniji u biex jaqilgħu 'il barra persuni involuti f'imġiba riskjuża.

- Il-multa għall-evażjoni tat-taxxa b'rabta mal-ħabi tad-dħul żdiedet b'mod sinifikanti. F'ċerti każijiet, is-sistema ta' sanzjonijiet li għandha tiġi applikata f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tar-reġistrazzjoni u taż-żamma tad-dokumenti saret aktar stretta. Ġiet introdotta multa li tissostitwixxi l-għeluq ta' negozju għal ksur fejn jitwettqu attivitajiet mingħajr post tan-negozju.

- Fl-2012, il-limitu ta' żmien ġenerali għall-iżborżi tal-VAT u, għalhekk, l-ispezzjonijiet, żdied għal 75 jum biex tiżdied l-effiċjenza tal-awditjar u jiġu eliminati talbiet illegali ta' rifużjoni tal-VAT.

- Fl-1 ta' Jannar 2013, ġiet introdotta d-dikjarazzjoni rikapitolattiva tal-VAT domestika. Il-persuni taxxabbli huma meħtieġa li jirrappurtaw lill-awtorità tat-taxxa dettalji speċifiċi dwar il-fatturi maħruġa u riċevuti minnhom. Inizjalment, l-obbligu ta' rapportar kien japplika għall-fatturi kollha fejn l-ammont tal-VAT tal-output kien mill-inqas HUF 2 miljun. Il-limitu minimu tnaqqas gradwalment. Mill-1 ta' Lulju 2020, kull min joħroġ fattura huwa meħtieġ jirrapporta d-*data* dwar il-fatturi kollha maħruġa fir-rigward ta' persuni taxxabbli rreġistrati fl-Ungerija, għal tranżazzjonijiet imwettqa fl-Ungerija, inklużi tranżazzjonijiet soġġetti għall-mekkaniżmu tar-reverse charge u tranżazzjonijiet eżentati mit-taxxa, minbarra l-provvisti intra-Komunitarji. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-obbligu ta' rappurtar se japplika wkoll għal fatturi maħruġa lil persuni mhux taxxabbli, u l-limitu għall-fatturi riċevuti se jitneħħa. L-awtorità tat-taxxa tuża d-*data* rrapportata għal skopijiet ta' analiżi tar-riskju u l-aktar identifikazzjoni rapida tal-ktajjen tal-fatturazzjoni.

- Mill-1 ta' Jannar 2013, il-persuni taxxabbli huma permessi jħallsu massimu ta' HUF 1,5 miljun f'kontanti kull xahar bħala remunerazzjoni għal oġġetti jew servizzi.

- Mill-1 ta' Jannar 2015, l-impriżi li għadhom kif ġew stabbiliti għandhom jissottomettu d-dikjarazzjonijiet tal-VAT kull xahar, biex b'hekk ikun possibbli li l-impriżi stabbiliti għall-finijiet tal-evażjoni tat-taxxa jinqabdu u jitnaqqew aktar kmieni. Barra minn hekk, b'effett mill-istess data, ma għadux possibbli li jiġu ppreżentati dikjarazzjonijiet annwali tal-VAT għad-dħul ta' aktar minn HUF 50 miljun. Minflok, iridu jiġu ppreżentati dikjarazzjonijiet kull tliet xhur, biex b'hekk ikun possibbli li ssir detezzjoni tal-abbuż tul is-sena.

- Fl-1 ta' Jannar 2016, ġiet introdotta sistema li fiha l-awtorità tat-taxxa tikklassifika l-persuni taxxabbli bħala affidabbli jew riskjużi. Il-klassifikazzjoni tal-persuni taxxabbli tiġi riveduta mill-awtorità tat-taxxa fuq bażi trimestrali.

-Fl-1 ta' Lulju 2017, ġie introdott software tal-fatturazzjoni għar-rappurtar tal-fatturazzjoni f'ħin reali, għall-bidu fuq bażi volontarja. Dan sar obbligatorju fl-1 ta' Lulju

2018, u mill-1 ta' Jannar 2021 se jiġi estiż għall-fatturi B2C. L-influss kontinwu ta' *data* jgħin lill-awtorità tat-taxxa tidentifika r-riskji f'ħin reali.

Barra minn hekk, ġew introdotti miżuri oħra mmirati direttament lejn is-settur tal-aġenziji tal-impjiegi temporanji:

- Introdott fl-2015, l-istrument legali intitolat "notifika ta' evażjoni ta' obbligazzjoni tat-taxxa" ġie estiż fl-2020 għall-impjegati bħala riċevituri. Jekk, waqt li tkun tagħmel awditu ta' impjegatur, l-awtorità tat-taxxa tidentifika ċirkostanzi relatati mar-relazzjoni ta' impjieg u toħroġ deċiżjoni finali li tistabbilixxi li tkun saret ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni fiskali, hija tressaq dawk iċ-ċirkostanzi għall-attenzjoni tal-impjegati rilevanti. Dan l-obbligu japplika wkoll meta l-impjegat ma jkunx għadu f'relazzjoni ta' impjieg mal-persuna taxxabbli fil-mument tan-notifika.

- L-awtorità tat-taxxa tista' wkoll tieħu azzjoni biex tiġġieled l-evażjoni tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet fuq l-impjiegi, tiġbor *data* mill-formoli dwar id-dikjarazzjonijiet tal-impjieg u l-bidliet fl-impjiegi u d-dikjarazzjonijiet tal-obbligazzjonijiet tat-taxxa disponibbli fil-bażijiet tad-*data* tagħha. Ir-raġuni hija li l-aktar forma komuni ta' evażjoni tat-taxxa hija fejn jiġi ddikjarat l-impjieg, iżda l-ebda obbligazzjoni ta' taxxa ma tiġi ddikjarata jew imħallsa. Mod wieħed kif jiġu solvuti dawn id-diskrepanzi, li jimxi mal-approċċ tal-awtorità tat-taxxa favur il-kontribwenti, huwa permezz ta' proċedura ta' appoġġ li fiha l-persuna taxxabbli tiġi infurmata dwar it-tip ta' żball u l-azzjoni korrettiva meħtieġa, li l-persuna taxxabbli tista' tieħu minn rajha. Jistgħu jiġu ordnati eżerċizzji tal-awditjar fuq persuni taxxabbli li jonqsu milli jirreaġixxu minn rajhom.

- L-awtorità tat-taxxa żviluppat sistema tal-IT għat-twissija għall-impjegati fl-2017 biex tidentifika u tirreaġixxi malajr għal imġiba frodulenti min-naħa tal-impjegaturi. Is-sistema rnexxielha tgħin fil-ġlieda kontra l-ekonomija sotterranja.

Skont l-istimi tad-*data* pprovduti mill-Ungerija, dawn il-miżuri ppermettew li titnaqqas il-frodi tal-VAT fis-settur tal-provvista tal-persunal minn aktar minn 15 % fl-2015 għal inqas minn 5 % fl-2019.

Għalhekk, il-pakkett ta' miżuri implimentat mill-Ungerija wera l-effettività tagħhom biex irażżnu l-frodi tal-VAT u wasslu għal tnaqqis spettakolari fl-ammont ta' frodi tal-VAT fis-setturi kollha tal-ekonomija, kif jidher fir-rapporti dwar id-diskrepanza tal-VAT ippubblikati suċċessivament. Kif issemma qabel, fl-2013 id-diskrepanza tal-VAT għall-Ungerija kienet tammonta għal 24,4 %. Għall-2015[6], id-diskrepanza tal-VAT ammontat għal 13,74 %, li xorta hija ogħla mill-medjan tal-UE ta' 10,85 %. Fl-aħħar Rapport Finali[7] tal-Studju u r-Rapporti dwar id-Diskrepanza tal-VAT fl-Istati Membri tal-EU-28 tal-2020, id-diskrepanza tal-VAT fl-Ungerija għall-2018 ammontat għal 8,4 %, taħt il-

[6] https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/study_and_reports_on_the_vat_gap_2017.pdf
[7] https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/vat-gap-full-report-2020_en.pdf

medjan tal-UE ta' 9,2 %. Il-previżjoni għall-2019 hija li x-xejra ta' tnaqqis tkompli, bi stima ta' diskrepanza tal-VAT ta' 6,6 % għal dik is-sena.

Ta' min ninnutaw li ċ-ċifri għad-diskrepanza tal-VAT fir-rigward tas-setturi ekonomiċi kollha ma jvarjawx ħafna mill-istimi pprovduti mill-awtoritajiet Ungeriżi għad-daqs tal-frodi tal-VAT fis-settur tal-provvista tal-persunal. B'riżultat ta' dan, il-kontinwazzjoni ta' miżuri speċjali fis-settur tal-aħħar, bħall-mekkaniżmu tar-reverse charge, ma tidhirx ġustifikata.

Miżuri bħall-proċedura ta' reġistrazzjoni tat-taxxa u superviżjoni msaħħa tal-awtorità tat-taxxa u rappurtar f'ħin reali, għandhom ikunu utli biex il-frodi tal-VAT tiġi identifikata fi stadju bikri, filwaqt li jiġi evitat l-istabbiliment ta' kumpaniji fittizji. Peress li dawn il-miżuri wrew li huma effettivi f'setturi oħra tal-ekonomija, huwa mistenni li jegħlbu t-tħassib espress mill-awtoritajiet Ungeriżi li l-ktajjen frodulenti jerġgħu jitfaċċaw minnufih jekk il-mekkaniżmu tar-reverse charge ma jibqax jiġi applikat għall-provvista tas-settur tal-persunal.

Għalhekk, it-talba mressqa mill-Ungerija ma tissodisfax il-kundizzjoni li tkun l-aħħar għażla u miżura ta' emerġenza, li trid toffri garanziji dwar in-neċessità u n-natura eċċezzjonali tad-deroga mogħtija. Il-miżuri konvenzjonali implimentati mill-Ungerija ta' natura ġenerali, flimkien mal-miżuri speċifiċi msemmija hawn fuq għas-settur tal-aġenziji tal-impjiegi temporanji, għandhom ikunu biżżejjed biex jindirizzaw il-frodi tal-VAT fis-settur tal-provvista tal-persunal.

Barra minn hekk, il-miżura mitluba mill-Italja ma tidhirx li għandha kamp ta' applikazzjoni limitat, li hi meħtieġa u proporzjonata biex tindirizza s-sitwazzjoni speċifika ta' frodi marbutt mas-settur tal-provvista tal-persunal. Il-miżuri b'ambitu ġenerali u dawk speċifiċi implimentati mill-Ungerija, b'mod partikolari l-proċedura ta' reġistrazzjoni tat-taxxa u s-superviżjoni msaħħa tal-awtorità tat-taxxa u r-rappurtar f'ħin reali, għandhom ikunu biżżejjed biex jindirizzaw il-frodi tal-VAT fis-settur tal-provvista tal-persunal.

Finalment, il-Kummissjoni oġġezzjonat permezz ta' Komunikazzjoni lill-Kunsill[8] għal talba simili li għamlet l-Italja biex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvista atipika tal-persunal.

5. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni toġġezzjona għat-talba tal-Ungerija abbażi tal-elementi msemmija hawn fuq.

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (COM/2020/243 final).